

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1099/2011**tas-27 ta' Ottubru 2011****li jstabilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-barbun tat-tbajja' fiż-żoni VIIf u VIlg min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd għall-2011 allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Billi:

Artikolu 2

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 tat-18 ta' Jannar 2011 li jiffissa għall-2011 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE ⁽²⁾, jistabilixxi kwoti għall-2011.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2011.
- (3) Jeħtieġ għalhekk li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi fl-Anness jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ottubru 2011.

Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,

Lowri EVANS

Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 24, 27.1.2011, p. 1.

ANNEX

Nru	59/T&Q
Stat Membru	Il-Belġju
Stokk	PLE/7FG.
Speċi	Barbun tat-tbajja' (<i>Pleuronectes platessa</i>)
Żona	Iż-żoni VII f u VIIg
Data	1.10.2011